# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 28

Il-Ħamis 11 ta' Marzu 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar ħa sehem f'laqgħa *online* permezz ta' *Microsoft Teams®* nhar il-Ħamis 11 ta' Marzu 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa, li kienet qed tixxandar ukoll *live* fuq il-*website* tal-Kunsill, saret b'dan il-mezz minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-virus COVID-19 u skont id-direttiva numru 7/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

28.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

28.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 26 kif ukoll tal-laqgħa b'urġenza numru 27 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

28.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

28.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

28.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv saret laqgħa mas-Supretendent il-ġdid responsabbli mid-distrett t'Għawdex. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa ġew diskussi diversi materji fosthom l-introduzzjoni tal-*community policing* fil-Munxar li mistenni jibda f'Novembru 2021 u l-problema tal-imwejjed tar-ristoranti fix-Xlendi fejn kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-paritijiet konċernati. Is-Sindku informa lill-membri li s-Supretendent ser ikun qed jiltaqa' mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv darba kull xahar.

28.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva konferma li ġiet magħżula l-applikazzjoni sottomessa għall-fondi ewropej tal-programm GAGF LEADER Miżura numru 3 *"Gozitan Attractions and Innovative Events for all Seasons" – Develop Gozo's all-season*

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

*tourism product offering*.

28.3.3

Is-Sindku informa lill-membri li ġie avviċinat minn persuna barranija sabiex b'tifkira ta' membru tal-familja tagħha li ġie nieqes dan l-aħħar, tixtri u twaħħal bank pubbliku a spejjeż tagħha fix-Xlendi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan.

28.3.4

Is-Sindku għarraf lill-membri li għaddej ix-xogħol fix-xelters tal-pjazza fejn qed jiġi nstallat id-dawl. Huwa qal li kien qed jidħol xi ilma fix-xelter iżda b'intervent tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma din il-problema ssolviet.

28.3.5

Is-Sindku informa lill-membri li hekk kif ingħalqu l-kontijiet tax-xogħlijiet li saru fi Triq il-Munxar, il-Kunsill spiċċa b'savings mill-fondi li ngħata mill-Ministeru Għal Għawdex. Huwa qal li ser issir talba lill-Ministeru Għal Għawdex sabiex b'dawn il-fondi jsir xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalita' li diġa' huma approvati mill-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

28.3.6

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill għadu qed jistenna l-permess mill-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi sabiex ikun jista' jibda l-proġett ta' restawr tal-ħitan tas-sejjieħ fl-Inħawi tax-Xadba b'fondi ewropej taħt il-Miżura 4.4.

28.3.7

Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill Reġjonali Għawdex talab biex issir laqgħa mal-Ministru tal-Ambjent fejn jiġi diskuss l-iżvilupp u l-bini li qed isir f'Għawdex. Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mitlub jibgħat xi punti biex isiru rakkomandazzjonijiet fuq l-iżvilupp li qed isir f'Għawdex indirizzati lill-Awtorita' tal-Ippjanar u lill-Ministeru tal-Ambjent. Is-Sindku saħaq li l-problema prinċipali li qed iħabbat wiċċu l-Kunsill hi l-bini b'għoli eċċessiv fix-Xlendi li qed jikkaġuna problemi fuq is-sistema tad-drenaġġ u fuq il-parkeġġ fost oħrajn. Is-Sindku għarraf lill-membri sabiex jekk għandhom xi punti oħra jgħadduhom lill-Kunsill.

28.3.8

Is-Sindku għarraf lill-membri li hemm applikazzjoni oħra miftuħa għall-fondi ewropej tal-programm GAGF LEADER Miżura numru 4 li ser tagħlaq għada. Huwa qal li diġa' beda jsir xogħol fuq din l-applikazzjoni u flimkien ma' Munxar Falcons FC u Otters ASC qed jipproponi li jsir investiment fis-*safety flooring* ta' Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina, fil-grawnd taċ-Ċentru Parrokkjali kif ukoll *SwimPolo*

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

*Campaign* f'diversi bajjiet f'Għawdex. Kien hemm qbil mill-membri biex tiġi sottomessa din l-applikazzjoni.

28.4

28.4.1 **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi ppropona sabiex tiġi nstallata mera tat-traffiku fi Triq Żgħawri minħabba l-periklu qrib kantuniera. Kien
28.4.2 hemm qbil mill-membri dwar dan.

Il-Kunsilliera, is-Sinjura Juliet Attard staqsiet jekk hux qed issir ronda mill-Pulizija fix-Xlendi minħabba li kienet preżenti hija stess qrib ix-xtajta meta f'daqqa waħda żewġ barranin bdew jiġġieldu.
Is-Sindku wieġeb li r-rondi mill-Pulizija żdiedu fix-Xlendi għall-jiem tal-Karnival kif imħabbra mill-Gvern Ċentrali bħala miżura għal aktar kontroll kontra t-tixrid tal-virus. Huwa żied li l-Pulizija tax-Xlendi ħafna drabi jibqgħu fl-għassa.
Il-Kunsilliera, is-Sinjura Juliet Attard staqsiet ukoll jekk il-*playingfields* humiex ser jerġgħu jingħalqu bħala prevenzjoni għat-tixrid tal-virus. Is-Sindku wieġeb li sa dakinhar ma kien l-ebda direttiva biex il-
28.4.3 *playingfields* jingħalqu.

Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil staqsa dwar in-nuqqas ta' dawl fi Triq San Xmun u fl-*islipway*, kif ukoll staqsa dwar it-taraġ li minn Triq il-Puniċi jagħti għal Triq San Xmun.
Is-Sindku wieġeb li fi Triq San Xmun ġew installati tlett bozoz LED matul it-triq li ser jiġu konnessi mill-Enemalta fil-jiem li ġejjin filwaqt li qed nistennew lill-kuntrattur jinstalla dawl għal fuq l-*islipway*. Is-Sindku qal li l-Kunsill talab lis-sid sabiex qabel is-Sajf isir il-*culvert* kif
28.4.4 ukoll it-taraġ.

Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis infurmat lill-Kunsill li ġiet avviċinata mill-Kappillan sabiex persuna tagħmel xogħol fil-komunita' wara rakkomandazzjoni mingħand id-*detention officer* tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill ma rċieva l-ebda korrispondenza uffiċċjali dwar dan.

28.5

28.5.1 **Proġett Pjazza tal-Knisja;**

Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, informa lill-membri li fit-12 ta'

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Marzu 2021 se jibda x-xogħol ta’ żbir, qlugħ u tħawwil mill-ġdid tas-siġar tal-Pjazza. Huwa nforma lill-membri li ser ikun hemm l-espert mqabbad mill-Kunsill is-Sur Peter Calleja waqt dan ix-xogħol.

28.5.2

Rigward is-sejħiet għall-offerti tax-xogħlijiet ta’ pavimentar u tisbieħ tal-pjazza, is-Sindku qal li s-sejħa għalqet, infetħu l-offerti u l-offerti mitfugħa qed jiġu evalwati mill-membri tal-bord flimkien ma’ rappreżentant mill-Ministeru Għal Għawdex.

## 28.6

### Ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2020;

28.6.1

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2020 flimkien mar-rapport tal-ħidma ta’ kull membru tal-Kunsill li ġie ċċirkulat minn qabel.

28.6.2

Ir-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2020 ġie approvat mill-membri u ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 28.7

### Laqgħa Annwali tal-Lokalita’;

28.7.1

Is-Sindku għarraf lill-membri li skont l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, trid tissejjaħ laqgħa pubblika li fiha jiġu ppreżentati r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta’ Ħidma. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex din il-laqgħa ssir nhar il-Ħamis 8 t’April 2020 fis-6.00 ta’ filgħaxija u tkun waħda virtwali permezz ta’ ZOOM minħabba r-restrizzjonijiet preżenti u l-miżuri maħruġa mill-awtoritajiet tas-saħħa għal kontra l-imxija tal-COVID 19. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill dwar dan u ġie deċiż li jinħareġ avviż li jitqassam f’kull residenza fil-lokalita’.

## 28.8

### Xogħlijiet ta’ restawr tat-Torri tax-Xlendi;

28.8.1

Is-Sindku informa lill-membri li għada għandu laqgħa mal-Perit tal-Proġett li ser ikun qed jirrakkomanda lill-Kunsill sabiex il-kuntratt tax-xogħlijiet mal-kuntrattur jiġi estiż b’xahrejn oħra. Is-Sindku qal li bħalissa qed isir xogħol ta’ bini mill-ġdid tal-ħajt tax-xellug b’teknika speċjali biex isir xogħol b’reqqa u bi preċiżjoni.

28.8.2 Rigward ix-xogħlijiet interni fuq it-torri tax-Xlendi, is-Sindku għarraf lill-membri li l-Perit u l-Inġinier qed jaħdmu fuq id-dokumenti sabiex tinħareġ is-sejħa għall-offerti għal dawn ix-xogħlijiet fil-jiem li ġejjin, filwaqt li qed issir korrispondenza mal-Professur Gambin minn Heritage Malta biex jiġi determinat il-kontenut tal-*information boards* li ser ikun hemm fuq ġewwa.

**Il-Kunsilliera s-Sinjura Juliet Attard, il-Kunsillier is-Sur Mark Busuttil u l-Kunsillier Joseph Cauchi talbu biex jiġu skużati mil-laqgħa minħabba mpenji oħra personali u rigward xogħol ieħor.**

**Is-Sindku qal li minħabba nuqqas ta' quorum il-laqgħa kellha tintemm u tiġi aġġornata għal data oħra.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR